**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 151/2001**

**Il-Pulizija ( Supdt. Carmelo Magro )**

**Vs**

**TANIA LORRAINE ABELA**

**Illum, 3 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Tania Lorraine Abela talli fis-7 ta'Marzu, 2001, ghal habta tas-1.00 p.m., fil-Belt, Valletta :

1. Volontarjament kisret il-paci pubblika w il-buon ordni b'ghajjat u glied ;
2. Qalghet fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen ;
3. Hebbet ghall-Adrian u Joanne Elich sabiex tingurjahom, iddejjaqhom jew tghamlilhom hsara ;
4. Bil-kliem insulentat u heddet lill-Adrian u Joanne Elich ;

5. Hebbet ghall-Adrian Elich u kkagunatlu feriti skond kif iccertifika Dr. Alexander Sammut M.D.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta'Adrian u Joanne Elich u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 19 ta'Lulju, 2001, li biha filwaqt li ma sabetx lill-Tania Lorraine Abela hatja fuq it-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi, u lliberatha minnhom, sabitha hatja fuq l-ewwel u l-hames akkuzi w kkundannatha fuqhom ghall-Lm50 Multa. Inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, rabtitha b'obbligazzjoni personali taghha taht penali ta'Lm100 li ma timmolestax lil xi membru tal-familja Elich ghall-zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Tania Lorraine Abela datat 30 ta'Lulju, 2001, li bih talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata.

Rat l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali fis-seduta tat-18 ta'Settembru, 2001, li biha eccepixxa n-nullita' tar-rikors t'appell ta'Tania Lorraine Abela ghaliex it-talba taghha ma saretx skond il-ligi.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat fuq din l-eccezzjoni preliminari.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun.

Gja' la darba l-ewwel Qorti ma sabetx htija fl-appellanti f'xi whud mill-akkuzi dedotti kontriha, u, fil-fatt, kienet illiberatha minnhom, allura, skond il-ligi, it-talba fir-rikors t'appell taghha kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza appellata, u mhux ghat-thassir, revokar u kancellament ta' l-istess sentenza. L-appellanti setghet tappella biss minn dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li sabitha hatja w titlob li din il-parti tigi revokatha, filwaqt li titlob li l-parti liberatorja tigi

konfermatha. Tali zball fil-forma mhux rimedjabbli w jwassal ghan-nullita' tar-rikors ta'appell.

Ghalhekk, l-eccezzjoni ta'l-Avukat Generali qed tigi milqugha b'dan li l-Qorti qed tiddikjara l-appell ta'Tania Lorraine Abela bhala null u ma tkompliex tiehu konjizzjoni tieghu. Hu f'dan is-sens ghalhekk li s-sentenza appellata tibqa' konfermata fl-inter taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur